FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 05 TA' APRIL 2017

Il-Pulizija

Spettur Robert Vella

vs

Jason Gatt

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta tal-identita' 495572M akkuzat talli nhar it-23 ta' Ottubru 2013 ghall-habta tat-08.00 ta' filghaxija gewwa l-lokalita' ta' Santa Venera:

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Marvin Zammit, liema feriti setghu ikkagunaw debbulezza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew mankament jew sfregu fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz u dan skond ma ccertifika Dr Winston Bartolo MD (Reg No 3558) mill-Isptar Mater Dei, Msida u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 215, u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta;
2. fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi hebb ukoll ghal Daniela Zammit u kkagunala griehi ta natura hafifa u dan skond ma ccertifikat Dr Maria R Borg MD (Reg No 2206) mic-Centru tas-Sahha Floriana u dan bi ksur tal-Artikoli 215, 221, 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta;
3. fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-kwiet u l-bon ordni pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew offenda il-morali, l-imgieba xierqa jew d-decenza pubblika u dan bi ksur tal-Artikolu 338(bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi ghamel ingurji u theddid lil Marvin Zammit u Daniela Zammit b' mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti mitluba sabiex bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna/i offizi u l-familjari taghhom, jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna/i msemmija minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-Artiklu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna/i offizi ai termini tal-Artikoli 383, 384, 385, u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat ix-xhieda;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 214, 215 216 tal-Kap 9, l-Artikoli 221, 339(d),tal-Kap 9, l-Artikoli 338(bb), 338(dd) u 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi: li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal-zmien xahar mil-lum.

Il-Qorti spjegat lil imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M. Trigona

Magistrat